MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2014

Numru. 275/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs.**

**Faiz Omar Elsallak**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Faiz Omar Elsallak**, ta' tnejn u erbghin (42) sena, bin Omar u Fatima neé Ferghani, imwieled Libja fit-3 ta' Awwissu 1969 u joqghod fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 23784(A) akkuzat talli bhala prigunier fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioé talli:

1. fl-4 ta’ Marzu 2012 ghal habta ta’ 6pm u hinijiet wara waqt li kien f’*division* 6 fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin volontarjament ta nar lil bini jew lok iehor (cella numru 13 u ghamara) meta gewwa ma kien hemm ebda persuna fil-waqt tal-hruq, jew volontarjament ta nar lil materjal li jaqbad, u dan il-bini jew lok iehor (cella) jew dan il-materjal kien qieghed b’mod li seta’ qabbad il-hruq lil bini iehor jew lok iehor fejn f’dak il-waqt kien hemm xi persuna;

2. fl-istess cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioé hsara f’bini u ghamara f’cella numru 13 fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin liema hsara ma teccedix €1164.69 u teccedi €116.47 li saret ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta u/jew ta’ persuni ohra;

3. fis-7 ta’ Marzu 2012 ghal habta ta’ 10am, u hinijiet wara, waqt li kien f’*division* 13 f’cella numru 11 fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghal ezekuzzjoni tad-delitt billi volontarjament ittenta jaghti nar lic-cella tieghu meta gewwa ma kien hemm ebda persuna fil-waqt tal-hruq jew volontarjament ittanta jaghti n-nar lil materjal li jaqbad, u dan il-bini jew lok iehor (cella) jew dan il-materjal kien qieghed b’mod li kieku n-nar sehh seta’ qabbad il-hruq lil bini iehor jew lok iehor fejn f’dak il-waqt kien hemm xi persuna;

4. fl-istess cirkustanzi fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra CO 139 Kevin Cauchi, ASCO Carmel Cachia, CO 25 Raymond Cutajar, CO 158 Victor Galea u CO 170 Stephen Camilleri ufficjali fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin nkarigati skont il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghal ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghti skont il-Ligi mill-Awtorita’ kompetenti;

5. fl-istess ghamel ingurji u theddid fuq il-persuni ta’ CO 139 Kevin Cauchi, ASCO Carmel Cachia, CO 25 Raymond Cutajar, CO 158 Victor Galea u CO 170 Stephen Camilleri ufficjali fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin nkarigati skont il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu dan is-servizz bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

6. fl-istess cirkustanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ persuni ohra cioé ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ CO 139 Kevin Cauchi ufficjal inkarigat minn servizz pubbliku skont ma ccertifika Dr. Bugeja Justine Reg. No. 5275 mill-Isptar Mater Dei;

7. fl-istess cirkustanzi m’obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Awtorita’ jew ta’ uhud inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel lil dawn cioé lil CO 139 Kevin Cauchi, ASCO Carmel Cachia, CO 25 Raymond Cutajar, CO 158 Victor Galea u CO 170 Stephen Camilleri ufficjali fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet

taghhom u billi ma hallihomx jaghmlu dak li bil-Ligi kienu ordnati li jaghmlu u jew jista' jaghmlu u billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ghamel skont il-Ligi b'mod li jkun;

8. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal CO 139 Kevin Cauchi, ASCO Carmel Cachia, CO 25 Raymond Cutajar, CO 158 Victor Galea u CO 170 Stephen Camilleri ufficjali fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara;

9. fl-istess cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioé hsara f'uniformi liema hsara ma tiskorriex €23.29 li saret ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u/jew ta' haddiehor;

10. sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, barra milli tapplika il-piena skont il-Ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex, f'kaz ta' sejbien ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex, f'kaz ta' htija, tipprovdi ghas-sigurta ta' CO 139 Kevin Cauchi, ASCO Carmel Cachia, CO 25 Raymond Cutajar, CO 158 Victor Galea u CO 170 Stephen Camilleri u tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat il-*Proces Verbal* numru 198/12 redatt mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera (*a fol.* 58 *et seq.*) li meta gie inserit fl-atti processwali, bi zvista, ma giex enumerat mill-gdid u ghaldaqstant l-atti processwali jibdew minn numru "1" sa "58", u wara n-numru "58" jergghu jibdew bin-numru "1".

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 254) datata 17 ta' Dicembru 2013 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

a. fl-Artikolu 317(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. fl-Artikoli 41(a) u 317(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. fl-Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. fl-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. fl-Artikoli 221 u 222(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. fl-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
h. fl-Artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
i. fl-Artikolu 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
j. fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
k. fl-Artikoli 17, 18, 31, 33A, 383, 384, 385 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tas-6 ta' Jannar 2014 (*a fol.* 256), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-17 ta' Dicembru 2013 (*a fol.* 254), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet lix-xhud prodott mid-difiza.

Semghet it-trattazzjoni *da parte* tal-Prosekuzzjoni (*a fol.* 269 *et seq.*).

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Lulju 2014 (*a fol.* 268) fejn il-Qorti kkoncediet lid-difiza zmien sal-14 ta' Awwissu 2014 sabiex, jekk trid, tipprezenta s-sottomissjonijiet finali taghha bil-miktub.

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet tad-difiza datata 7 ta' Awwissu 2014 (*a fol.* 272 *et seq.*).

## Ikkunsidrat

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Spiridione Zammit** (*a fol.* 23 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu in segwitu tal-fatt li fil-4 ta' Marzu 2012 il-Pulizija ta' Rahal Gdid kienu gew nfurmati li l-imputat kien instab b'pussess ta' xi sustanza bajda go *container* zghir u sussegwentement haraq ic-cella tieghu. Jghid ukoll li fis-7 ta' Marzu 2012, l-istess imputat kellu argument ma' zewg prigunieri ohra u CO 92 u CO 158 intervjenew. Jghid li wara ftit tal-hin l-imputat ittiehdet fic-cella u gie nnutat li kien hiereg xi duhhan mic-cella tieghu. Jixhed fuq dak li gara wara b'mod partikolari fuq dak li ghamel l-imputat meta l-gwardjani tal-habs marru fic-cella tieghu. Ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "SZ 1" sa "SZ 9" (*a fol.* 27 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2012, xehed ukoll **Gwardjan CO 139 Kevin John Cauchi** (*a fol.* 41 *et seq.*) fejn spjega li f'gurnata f'Marzu 2012, u jsemmi is-"7", pero mhux cert, kien xoghol f'*division* 12, li tigi magenb *division* 13, daqq l-alarm, mar u sab lill-imputat li kellu xi jghid ma' zewg prigunieri ohra. Jghid li kif wasal l-imputat kien diga nfired minn ufficjali ohra. Jghid li l-imputat gie mittiehed fic-cella numru hdax u l-imputat beda jhabbat mal-bieb tac-cella u beda jdoqq il-*buzzer* il-hin kollu. Jghid li wara xi hin rega' daqq l-alarm, mar fejn ic-cella tal-imputat, l-imputat kien diga nhareg minnha u beda hiereg duhhan mic-cella. Jghid li l-imputat kien aggressiv tant li hataf il-*pyrene* minn ghand il-Maggur Charlie, mbaghad hatfu mill-flok. Jghid li hu (Cauchi) mar iferraq u hu u Raymond marru jigbdu lill-imputat u l-imputat spicca gidmu (lil Cauchi) u hariglu ftit demm. Jghid li talab ghal manetti, li gew mqabbda ma' idejn l-imputat u li l-imputat ma riedx icedi jdejh. Jghid li l-imputat ma riedx jobdi l-ordni u beda jipprova jhebb ghalihom. Ra c-certifikat mmarkat bhala Dok. "SZ 4" (*a fol.* 32) u kkonferma li dan juri x'sofra hu.

**CO 139 Kevin John Cauchi** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tad-29 ta' April 2013 (*a fol.* 231 *et seq.*) fejn qal li d-data li kien xehed fuqha originarjament kienet l-4 ta' Marzu 2012.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2012, xehed l-i**Spettur Jurgen Vella** (*a fol.* 97) fejn ezebixxa tlitt sentenzi li gew moghtija kontra l-

imputat, liema sentenzi gew immarkati bhala Dok. "JV 1" sa Dok. "JV 3" (*a fol.* 78 *et seq.*).

L-i**Spettur Jurgen Vella** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-8 ta' Ottubruu 2012 (*a fol.* 171 *et seq.*) fejn qal li fl-4 ta' Marzu 2012 ghas-6pm il-Pulizija tal-Ghassa ta' Rahal Gdid giet infurmata mill-Facilita' Korrettiva ta' Kordin illi waqt tfittxija li kienet qed isir fic-cella tal-imputat kien nstab kontenitur li kien fih xi sustanza go fih. Jghid li ftit hin wara li l-imputat ittiehed go cella ohra, beda hiereg id-duhhan minn tali cella liema duhhan kien gej minn nar. Jghid li rrizulta li saret hsara fic-cella li kienet tlehhaq is-somma ta' €219. L-iSpettur xehed ukoll fuq dak li gie nfurmat bih b'dak li gara fis-7 ta' Marzu 2012 meta l-imputat rega' gie mittiehed fic-cella tieghu numru 11 f'*division* 13.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2012, xehed ukoll **Maggur ASCO Carmel Cachia** (*a fol.* 99 *et seq.*) fejn qal li fis-7 ta' Marzu 2012 filghodu l-imputat iggieled ma' zewg prigunieri ohra u marru biex iferrquhom u jdahluhom fic-cella taghhom. Jghid li wara xi hin l-imputat qabbad ic-cella. Jghid li hu (Cachia) mar ma' zewg kollegi ohra u ra dahna hierga minn taht il-bieb, fethu l-bieb tac-cella u l-imputat beda jghidlu biex ma jitfalux ilma pero hu (Cachia) kellu bilfors jitfa' l-ilma minhabba li kien hemm in-nar. Jghid li l-imputat qabadlu l-*hose pope* u hatfu mill-flokk (li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "CC 1"), liema flok spicca tqatta, u l-kollegi tieghu (ta' Cachia) zammew lill-imputat u hu (Cachia) kompla jitfi n-nar ghax kienet tinqabad il-kumplament tac-cella u setgha jkun hemm konsegwenzi koroh peress li kien hemm tmienja u erbghin (48) resident iehor f'dik iz-zona. Jghid li meta l-imputat gie mittiehed, huwa baqa' jissielet.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2012, xehed ukoll **Gwardjan CO 25 Raymond Cutajar** (*a fol.* 102 *et seq.*) fejn li fis-7 ta' Marzu 2012 ra lill-imputat tiela' t-tarag u x'hin wasal fl-ahhar beda jiggieled ma' David Bonnici. Jghid li dahal fil-glieda wkoll Carlos Galea. Jixhed li waslu ufficjali tad-*divisions* ohra u tal-SRT u rnexxielhom jifirduhom. Jghid li hu skorta lill-imputat lura lejn ic-cella, li l-imputat ma riedx jinghalaq fic-cella u li x'hin kien fic-cella l-imputat beda l-hin kollu jaghfas l-alarm. Bdew jghidulu li ma kellhomx awtorita jifthulu. Jghid li f'hin minnhom CO 170

Stephen Camilleri ghamillu sinjal u rrealizza li l-imputat qabbad ic-cella u beda hiereg id-duhhan minn kullimkien. Jghid li hekk kif hu (Cutajar) kien ser jiftah il-bieb tac-cella, l-imputat fetah il-bieb fuqu stess (fuq l-imputat) u hareg fuqhom. Jghid li l-imputat hataf vjolentement lil Maggur Charlie minn sidru u beda jghidlu biex ma jitfax ilma. Jghid li huma pruvaw inehhu lill-imputat minn mal-Maggur Charlie u li ra lill-imputat jahtaf ukoll id CO 139 Kevin John Cauchi u rah jigdmu wkoll. Jixhed li kien hemm hafna duhhan u ma kienux jafu x'kien qed jinharaq. Jghid li jekk taqbad ic-cella hija xi haga perikoluza peress li tiggamja d-*division* shiha. Jghid li minkejja li ppruvaw jikkalmaw lill-imputat, kien kollu ghal xejn u li l-imputat beda jaghtihom kull naha u li kellhom igongu zewg manetti.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2012, xehed ukoll **Gwardjan CO 158 Victor Galea** (*a fol.* 106 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tas-7 ta' Marzu 2012 l-imputat kellu argument ma' zewg prigunieri ohra: David Bonnici u Carlos Galea. Jghid li meta l-imputat ittiehed fic-cella, beda jdoqq l-alarm u jsabbat xi naqra mal-bieb u wara xi hin gew infurmati li kien hemm xi duhhan hiereg minn taht il-bieb tac-cella tal-imputat u meta marru jifthu l-bieb, l-imputat hareg fuqhom. Jghid li l-imputat mar fuq il-Maggur Charlie biex izommlu l-*hose* u fl-istess hin hataflu l-flokk. Jghid li b'xi mod irnexxielhom izommu lill-imputat u tant kien aggressiv u ma riedx jikkoopera li libsulu zewg pari manetti.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2012, xehed ukoll **Gwardjan CO 170 Stephen Camilleri** (*a fol.* 109 *et seq.*) fejn qal li jumejn qabel is-7 ta' Marzu 2012 saret tfittixja fic-cella tal-imputat u sabulu bott tal-pilloli b'likwidu fih. Jghid li fis-7 ta' Marzu 2012 kellu jeskorta prigunier u x'hin dahal f'*division* 13 xamm riha ta' hruq u ra duhhan hiereg minn goc-cella li fiha kien hemm l-imputat. Ghamel sinjal lil CO 158 Victor Galea. Jghid li x'hin infetah il-bieb tac-cella tal-imputat, l-imputat hataf lil Maggur Charlie minn sidru. Jghid li marru fuq l-imputat, li beda jaghmel forza maghhom, zammewh u libsulu l-manetti. Jghid li CO 139 Kevin Cauchi beda jghid li l-imputat gidmu.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2012, xehed ukoll **PS 657 Mario Micallef** (*a fol.* 112 *et seq.*) fejn ipprezenta rapport li gie mmarkat

bhala Dok. "MM 1" (*a fol.* 96). Jghid li fl-4 ta' Marzu 2012, l-imputat kien f'*division* 6 u qatta lilu nnifsu u haraq ic-cella u jumejn wara nizzluh f'*division* 13 u rega' haraq ic-cella.

**PC 657 Mario Micallef** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2012 (*a fol.* 183) fejn ezebixxa stima ta' *pullover* ta' ufficjal tal-habs, liema stima giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "MM 2" (a fol. 184).

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2012, xehdet **Dr. Justyne Bugeja** (*a fol.* 118) fejn ikkonfermat ic-certifikat mediku rilaxxat minnha, liema certifikat gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "SZ 4" (*a fol.* 32). Tghid li l-griehi sofferti minn Kevin Cauchi kienu hfief.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2012, xehed ukoll **Dr. Joseph Tonna** (*a fol.* 120 *et seq.*) fejn ikkonferma c-certifikat mediku rilaxxat minnu fil-konfront tal-imputat, liema certifikat gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "SZ 2" (*a fol.* 30).

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2012, xehdet ukoll **WPS 167 Justyne Grech** (*a fol.* 122) rigward ir-rapport redatt minnha, liema rapport gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "JG 1" (*a fol.* 124 *et seq.*). Tghid li meta kellmet lill-imputat, l-imputat qalilha li kellu xi jghid ma xi prigunier u l-gwardjani kienu qeghdin jaqbdu mieghu. Tghid li l-imputat qalilha li kien talab ghal xi pilloli u ma kienux gabuhomlu u li hu kien qabbad xi karti fin-nofs tac-cella. Tghid li meta l-imputat gie mistoqsi jekk kienx gidem lil xi gwardjan, qalilha li kellu snien foloz.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2012, xehed ukoll **PS 100 Terence Azzopardi** (*a fol.* 127 *et seq.*) rigward ir-rapport redatt minnu, liema rapport gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "TA 1" (*a fol.* 129 *et seq.*)[1]. Jghid li ghand l-imputat nstab kontenitur u li dakinhar stess l-imputat qabbad ic-cella. Mistoqsi ghad-data, jghid li mir-rapport jirrizulta li dan sehh l-4 ta' Frar 2012.

[1] Dan huwa l-istess rapport bhal Dok. "SZ 6" (*a fol.* 34 *et seq.*).

**PS 100 Terence Azzopardi** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tad-29 ta' April 2013 (*a fol.* 227 *et seq.*) fejn filwaqt li ghamel riferenza ghar-rapport Dok. "TA 1" (*a fol.* 129 *et seq.*) qal li d-data li tidher f'dan ir-rapport hija hazina peress li d-data kellha tkun 4 ta' Marzu 2012. Ezebixxa rapport iehor korrett li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "TA 11" (*a fol.* 229 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2012, xehed ukoll **Mario Zahra** (*a fol.* 131 *et seq.*) fejn qal li l-flokk tal-Maggur Charlie jiswa €34.00. Ezebixxa dokument in sostenn ta' dan, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. "MZ 1" (*a fol.* 133).

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2012, xehed ukoll **Gwardjan CO 164 Shaun Mallia** (*a fol.* 134 *et seq.*) fejn qal li fl-4 ta' Marzu 2012 kienet saret tfittxija minnu u minn CO 170 Stephen Camilleri fic-cella tal-imputat u fejn il-komodina nstabet b'tazza b'likwidu fiha.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2012, xehed ukoll **Gwardjan Charles Camilleri** (*a fol.* 136 *et seq.* ) fejn qal li dakinhar tal-4 ta'Marzu 2012 l-imputat qallu li kien tqatta'. Jghid li sakemm CO1 Chris Azzopardi u hu dahlu l-*control room*, l-imputat qabbad ic-cella. Jghid li kien f'cella 13, f'*division* 6. Jghid li ra s-saqqu mac-cella li beda jiehu n-nar mal-kancell tac-cella. Jghid li l-imputat ghalaq ic-cella bis-saqqu u qabbdu. Jghid li l-prigunieri stess bdew jghajtu li kienet qed tigi mqabbda c-cella u li fuq iz-zewg nahat taghha kien hemm prigunieri ohra u li kull ma kien hemm jifridhom kien hajt.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2012, xehed **Dr. Mario Scerri** (*a fol.* 147 ) fejn pprezenta r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "MS 1" (*a fol.* 149 *et seq.*). Jghid li l-imputat kellu *self-inflicted marks* li ghamilhom hu b'xafra li taqta' u bil-ponta.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2012, xehed ukoll **Clint Zahra** (Ufficjal Inkarigat mill-*Control Room* tal-habs – *a fol.* 164 *et seq.*) fejn qal li ghandu zewg *recordings* ta' zewg incidenti li saru fis-7 ta' Marzu 2012: wahda fit-7.50 fejn kien hemm glieda u iehor 10.20 fejn kien hemm hruq ta' cella. Dawn ir-*recordings* gew ezebiti u mmarkati bhala Dok. "CZ 1" (*a fol.* 166).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2012, xehed ukoll **SCO Dennis Cassar** (*a fol.* 167 *et seq.*) fejn qal li fis-7 ta' Marzu 2012 daqq l-alarm u sab lill-imputat jiggieled bl-idejn ma' zewg prigunieri: David Bonnici u Carlos Galea. Jghid li l-imputat inqafel fic-cella 11 ta' *division* 13 u wara xi hin, regghet daqqet l-*alarm* u sab li c-cella tal-imputat bdiet taqbad. Jghid li l-imputat hataf lill-Maggur Charlie mill-flok biex jehodlu l-manka tal-ilma li kien qed jitfi n-nar biha. Jghid li l-imputat beda jirrezisti l-arrest u kellu jigi mmanettjat b'zewg settijiet ta' manetti: wahda mal-ohra. Jghid li l-imputat beda jirrezisti lill-ufficjali tal-habs u li CO 139 Kevin Cauchi wegga' subajgh u l-Maggur Charlie spicca bil-flok mqatta. L-erba' ufficjali kienu CO 125, CO 158, CO 170 u CO 139.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2012, xehed **Dr. David Grech** (*a fol.* 178 *et seq.*) fejn qal li huwa tabib li jipprovdi servizz mediku fil-habs ta' Kordin. Spjega li jiftakar li l-imputat kien jinsab f'izolazzjoni, li tkun prekawzjoni li tittiehed minhabba s-sahha tieghu u ghax ikun ezebixxa mgieba li ma tixraqx. Jghid li meta kien invista lill-imputat f'Marzu 2012, l-imputat kien aggressiv u dehrlu li kien ta' perikolu ghal sahhtu u ghal sahhet haddiehor. Jghid li rriferieh ghall-iSptar Monte Carmeli.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2012, xehed ukoll **Oswald Balzan** (rapprezentant ta' l-iSptar Monte Carmeli – *a fol.* 180) fejn ezebixxa *discharge summary* li giet immarkata bhala Dok. "OB 1" (*a fol.* 182). Jghid li minn dan id-dokumenti jirrizulta li l-imputat kien dahal ghal jumejn (mill-4 ta' Marzu 2012 sas-6 ta' Marzu 2012) fit-taqsima forensika u li ma kellux bzonn kura psikjatrika.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2012, xehed ukoll **CO 94 Charles Camilleri** (*a fol.* 185 *et seq.*) fejn ikkonferma d-dokument li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "SZ 5" (*a fol.* 33)[2], liema hsarat gew kagunati fic-cella numru 13 f'*division* 6, f'liema cella kien hemm l-imputat.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2012, xehed ukoll **CO 1 Christopher Azzopardi** (SRT – *a fol.* 187 *et seq.*) fejn qal li fl-4 ta'

[2] Dan huwa l-istess dokument bhal Dok. "MC 1" (*a fol.* 51).

Marzu 2012 kien stazzjonat f'*division* 6 u li l-imputat kien maqful fic-cella. Jghid f'hin minnhom ra duhan hiereg mic-cella tieghu u hu u CO 94 fethulu l-bieb tac-cella, hu (CO 1) qabad il-*pyrene* u s-saqqu gie mitfi peress li kien qed jaqbad. Jghid li s-saqqu kien intefa' mal-kancell ta' barra u li kien hemm hsara fil-hitan u mas-saqaf. Jghid li s-saqqu kien spicca ghal kollox u kien hemm xi swidija mal-hitan u mas-saqaf. Jghid li magenb din ic-cella hemm zewg celel ohra li kienu okkupati u li d-dahna nfirxet mad-*division* kollha pero hsarat f'celel ohra ma kienx hemm.

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Frar 2013, xehed **PS 239 Joseph Caruana** (*a fol.* 199 *et seq.*) fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu li tinsab *a fol.* 62 *et seq.*.

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Frar 2013, xehed ukoll l-i**Spizjar Godwin Sammut** (*a fol.* 201 *et seq.*) fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "GS" (*a fol.* 71 *et seq.*). Jghid li fuq l-analizi li saret fuq il-likwidu li gie mghoddi lilu ma nstabitx droga.

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Frar 2013, xehed ukoll **ASCO Dennis Cassar** (*a fol.* 204 *et seq.*) fejn qal li fl-4 ta' Marzu 2012 ordna li ssir spezzjoni f'cella 14 f'*division* 13 fejn nstabet tazza b'likwidu go fiha. Jghid li kien hemm suspett li dawn setghu kienu pilloli. Jghid li l-imputat gie trasferit ghal cella 13 f'*division* 6 fejn spicca haraq tali cella. Jghid li hu (ASCO Cassar) ma kienx prezenti meta sar dan il-hruq pero gie nfurmat biha.

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Frar 2013, xehed ukoll **CO 95 Roderick Mifsud (***a fol.* 208 *et seq.*) fejn qal li waqt li kien xoghol fl-4 ta' Marzu 2012, CO 143 hadlu bott b'likwidu go fih li ssuspettaw li kienu pilloli.

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Frar 2013, xehed ukoll **CO 92 Ivan Bugeja** (*a fol.* 211 *et seq.*) fejn qal li fis-7 ta' Marzu 2012 kien xoghol f'*division* 13 u kien hemm argument bejn l-imputat u zewg prigunieri ohra: David Bonnici u Carlos Galea. Jghid li intervjenew CO 92, CO 25, CO 158 u hu. Jghid ukoll li gew ordnati biex jaqfluhom. Jghid li wara sar jaf li l-imputat haraq ic-cella.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2013, xehed **Joseph Azzopardi** (*a fol.* 219) fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "JA" (*a fol.* 10 *et seq*).

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2013, xehed ukoll **SCO 58 Martin Cini** (*a fol.* 221 *et seq.*) fejn ikkonferma l-kontenut tal-istima mmarkata bhala Dok. "SZ 3" (*a fol.* 31) u qal li kien prezenti meta nxtara l-*pullover* in kwistjoni. Ikkonferma wkoll Dok. "SZ 5" (*a fol.* 33) fejn qal li dan id-dokument ippreparah hu u li fih hemm indikat xi hsara giet kagunata fic-cella numru 13 f'*division* 6.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2013, xehed **Dr. Joseph Spiteri** (*a fol.* 249 *et seq.*) fejn wara li gie muri Dok. "OB 1" (*a fol.* 182) qal li din hija *discharge summary* mahruga f'ismu minn go l-iSptar Monte Carmeli. Jghid li l-imputat kien ghamel zmien twil taht il-kura tieghu. Jghid li, daqs sitt xhur qabel, l-imputat ma' baqax taht il-kura tieghu. Jghid li mid-*discharge summary* (Dok. "OB 1" – *a fol.* 182) jirrizulta li l-imputat kien gie ammess gewwa l-*forensic unit* tal-iSptar Monte Carmeli fl-4 ta' Marzu 2012 u gie mibghut lura l-habs fis-6 ta' Marzu 2012. Jghid li kien gie rapportat li minhabba li kienet inbidlet id-*division* tal-imputat fil-habs, l-imputat kellu *stress* u qabbad saqqu kif ukoll ghamel *deliberate self-harm*. Jghid li l-imputat kellu l-kundizzjoni msejha *acute reaction to stress* u li l-imputat gie mizmum ghall-osservazzjoni. Jghid li l-imputat ghandu problemi ta' droga, personalita u *depression*.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Jannar 2014, xehed l-imputat **Faiz Omar Elsallak** (*a fol.* 257 *et seq.*) fejn spjega li meta saritlu tfittxija f'cella 14 sabulu tazza li fiha kien jitfa' likwidu minhabba li ghandu dentatura. Jghid li dak li nstab gewwa t-tazza huwa likwidu u mhux pilloli. Jghid li gie mittiehed *division* 6. Jghid: *"qabbadt is-saqqu u hraqtu, dak zball li ghamilt f'division 6"* (*a fol.* 258). Jghid li wara gie mittiehed f'*division* 13 u qalulu sabiex minn cella 14 jinzel cella 10 li hija l-aghar cella. Jghid li l-SRT qalulu biex jistaporti sal-ghada biex jigi mnehhi minn fejn kien, u jkompli jghid: *"daqqejt il-qanpiena u bqajt maghluq, umbaghad qabbadt karta u hraqtha u waddabthom taht il-bieb, mhux hraqt ic-cella, karta, biex jifthu, nohrog 'il barra u nghidilhom jigifieri ma rridx nidhol, biex inehhuni minn hemm"* (*a fol.* 258). Jghid li mar il-Maggur Charlie bil-pajp, qabdu mill-pajp, jista' jkun li qabdu mill-flokk (lil Maggur) u gie mmannettjat

u haduh is-*single room*. Jghid li mhux minnu dak li qalu l-ufficjali li xehdu, u cioé li ma felhux ghalih, peress li huwa kellu zewg operazjonijiet u kellu l-punti fl-imsaren. Jghid li ma kellu l-ebda sahha meta dahal il-habs. Jghid li ma jistax ikun li ghamel ferita lil CO 139 Kevin Cauchi peress li ghandu snienu mkissrin u ghandu d-dentatura. Jghid li bi snienu mkissrin ma jistax jaghmel feriti. Jixhed: *"Jigifieri dik loghba, inhossha loghba li ghamilli s-Sir Raymond u l-139 li kienu jahdmu ma' Darren Decelis [li mieghu kellu argument]. Jigifieri dawn biex ipattuhieli"* (*a fol.* 259). Jghid li l-loghba kienet tikkonsisti fil-fatt li baghtu lil David Bonnici biex jaqbad mieghu, u dana jafu ghax qalulu prigunieri ohra, u gara li spiccaw f'argument u gara li gara. Waqt id-depozizzjoni tieghu ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati minn Dok. "FE 1" sa "FE 6" (*a fol.* 255).

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk meta kien f'*divison* 6 haraqx ic-cella, wiegeb fl-affermattiv. Jikkonferma li qabbad is-saqqu, tefghu mal-hajt tac-cella u harqu. Jikkonferma li c-cella f'*division* 6 kellha cella ohra ohra magenbha u fiha kien hemm prigunieri ohra. Jghid li l-hsara li ghamel saret ghax haraq saqqu. Jghid li ghandu ordni mill-Qorti li ma jistax imur f'*division* 6 u jghid li suppost fil-hamsa jifthulu pero lilu ma fethulux, qabad *blade* u qata' jdejh u xorta ma fethulux, imbaghad qabad saqqu u harqu. Fir-rigward tat-tieni episodju, meta gie mnizzel f'*division* 13, jichad li kien hemm in-nar. Jghid: *"kien hemm karta, qabbadt bicca karta u waddabtha minn taht il-bieb biex johrog duhhan biex jifthu u nohroq 'il barra"* (*a fol.* 260). Mistoqsi jghid jekk hux minnu li meta fethulu biex jigi mitfi n-nar, li hu rrezistihom, wiegeb li dan mhux minnu. Jghid li meta nfetah il-bieb, bdew ixarbu lilu u l-affarijiet li kellu fic-cella u li dan sar ghalxejn ghax ma kien hemm l-ebda nar. Jghid li n-nar kien f'*divison* 6 meta qabbad is-saqqu. F'*division* 13 jghid li haraq bicca karta minn taht il-bieb. Jichad li xi hin gidem lil CO 139.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2014, xehed **PC 762 George Camilleri** (*a fol.* 265 *et seq.*) fejn ezebixxa l-iskorti li kellu l-imputat f'*dental clinic* f'Haz-Zebbug, liema dokument gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "GC 1" (*a fol.* 267). Jghid li kien l-imputat li qallu biex jipprepara dan id-dokument u talbu biex jaghmel hekk wara li kienet bdiet il-kawza odjerna.

In kontro-ezami jghid li hu gabar dawn id-dettalji kollha mill-*file* personali tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat jirreferu ghal dak li gara f'zewg granet differenti, cioé fl-4 ta' Marzu 2012 u fis-7 ta' Marzu 2012. Il-Qorti ser taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tal-imputat.

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni**
**(Artikolu 317(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**:
Illi jirrizulta li fl-4 ta' Marzu 2012 l-imputat kien instab b'pussess ta' xi sustanza bajda go *container* zghir, li minn analizi li saret wara fuq dan il-likwidu mill-iSpizjar Godwin Sammut (*a fol.* 201 *et seq.*) irrizulta li f'dan il-likwidu ma nstabet l-ebda droga. Kemm CO 170 Stephen Camilleri (*a fol.* 109 *et seq.*) u kif ukoll CO 174 Shaun Mallia (*a fol.* 134 *et seq.*) jikkonfermaw li sabu dan il-likwidu wara tfittixja li saret fic-cella tal-imputat. Il-Qorti semghet ukoll lil Gwardjan Charles Camilleri (*a fol.* 136 *et seq.*), lil CO 1 Christopher Azzopardi (SRT – *a fol.* 187 *et seq.*) u lil ASCO Dennis Cassar (*a fol.* 204 *et seq.*) jixhdu li dakinhar tal-4 ta' Marzu 2012 l-imputat, li kien f'cella 13 f'*division* 6, qabbad ic-cella tieghu. Jghidu li l-imputat qabbad is-saqqu tac-cella, liema saqqu beda jiehu n-nar. Jirrizulta li fuq iz-zewg nahat tac-cella kien hemm prigunieri ohra u li kull ma kien hemm jifridhom kien hajt. Mhux talli jirrizulta li s-saqqu nharaq, talli anke c-cella nharqet ukoll. Da parte tieghu, l-imputat (*a fol.* 257 *et seq.*) jammetti wkoll li meta kien *f'division* 6 haraq ic-cella. Huwa jikkonferma li qabbad is-saqqu, tefghu mal-hajt tac-cella u harqu. Jikkonferma li c-cella f'*division* 6 kellha cella ohra ohra magenbha u fiha kien hemm prigunieri.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u ghaldaqstant l-imputat ser jigi misjub hati taghha.

**It-Tieni (2) Imputazzjoni**

**(Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**:
Illi l-imputat qed jigi akkuzat li f'cella 13 kkawza hsara volontarja li teccedi €116.47 pero ma teccedix €1164.69. Il-Qorti semghet lil SCO (CO 58) Martin Cini (*a fol.* 221 *et seq.*) jikkonferma li huwa hejja Dok. "SZ 5" (*a fol.* 33)[3], liema dokument jindika li saret il-hsara fl-ammont ta' €219.00 fic-cella numru 13 f'*division* 6. Da parte tieghu, CO 94 Charlie Camilleri (*a fol.* 185 *et seq.*) ikkonferma wkoll tali dikument. Ghaldaqstant, anke din l-imputazzjoni giet sodisfacentment pruvata.

**It-Tielet (3) Imputazzjoni**
**(Artikolu 41(a) u 317(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**:
Illi l-imputat qed jigi akkuzat li dakinhar tas-7 ta' Marzu 2012 ittenta jahraq cella 11 f'*division* 13. Da parte tieghu, l-imputat isostni li zewg gwardjani tal-habs laghbuh u dana peress li hu kellu argument ma' certu Darren Decelis. Rigward it-tielet (3) imputazzjoni, l-imputat jichad li kien hemm xi nar fic-cella tieghu, pero jghid li kull ma ghamel hu kien li qabbad bicca karta u waddabha minn taht il-bieb biex johrog id-duhhan sabiex ikunu jistghu jifthulu u jkun jista' johrog il-barra mic-cella (*a fol.* 260). Pero l-Qorti jirrizultalha li l-imputat ma qabbadx semplicement bicca karta u dana jirrizulta mis-segwenti:

- ASCO Maggur Carmel Cachia (*a fol.* 99 *et seq.*) jghid ra dahna hierga minn taht il-bieb tac-cella u li bil-fors kellu jitfa' l-ilma peress li fic-cella kien hemm in-nar u li kieku m'ghamilx hekk kienet tinqabad il-kumplament tac-cella u kien ikun hemm konsegwenzi koroh peress li kien hemm numru ta' residenti ohra (tmienja u erbghin) f'dik iz-zona.

- CO 25 Raymond Cutajar (*a fol.* 102 *et seq.*) ra li beda hiereg id-duhhan minn kullimkien.

- CO 170 Stephen Camilleri (*a fol.* 109 *et seq.*) spjega kif meta dahal f'*division* 13 xamm riha ta' hruq u ra duhhan hiereg minn goc-cella li fiha kien hemm l-imputat.

---

[3] Dan huwa l-istess dokument bhal Dok. "MC 1" (*a fol.* 51).

- SCO Dennis Cassar (*a fol.* 167 *et seq.*) xehed li f'hin minnhom sab li c-cella tal-imputat bdiet taqbad.

Illi, ghaldaqstant, m'hemmx dubju li dak li l-imputat qed jigi akkuzat bih fit-tielet (3) imputazzjoni gie pruvat u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati ta' din l-imputazzjoni wkoll.

**<u>Ir-Raba' (4) u l-Hames (5) Imputazzjoni</u>**
**<u>Artikoli 95 u 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi f'dawn iz-zewg imputazzjonijiet l-imputat jinsab akkuzat bir-reati konnessi mal-ingurji u vjolenza kontra ufficjali pubblici u precizament bir-reati kkontemplati fl-Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi irid jigi puntwalizzat mill-bidu nett illi hemm distinzjoni netta bejn dawn iz-zewg reati ghalkemm it-tnejn ghandhom bhala vittma persuna fil-vesti ufficjali taghha.

Illi Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana r-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dana s-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

> *"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una*

*causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat *nexus* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

*"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuseppe Borg** jinghad:

*"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacche' il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."*

L-Artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana r-reat:

Fl-<u>ewwel lok</u>, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana r-reat. Il-Mamo jkompli jghid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or*

*resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith*". Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussisti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 biss. *Inoltre* l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghal htija taht dina d-disposizzjoni tal-ligi.

Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi *"persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku"*. Illi l-Qorti taghmel riferenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioé illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dana r-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti l-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dana r-reat ikun nieqes.

Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

> "Dana l-artikolu (b'riferenza ghall-artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".

Illi l-ufficjali tal-habs li jsiru riferenza ghalihom f'dawn iz-zewg imputazzjonijiet, cioé CO 139 Kevin John Cauchi, ASCO Carmel Cachia, CO 25 Raymond Cutajar, CO 158 Victor Galea u CO 170 Stephen Camilleri lkoll jiddeskrivu x'ghamel l-imputat dakinhar tas-7 ta' Marzu 2012. CO 139 Kevin John Cauchi jikkonferma li l-imputat kien aggressiv tant li hataf il-*pyrene* minn ghand il-Maggur Charlie u mbaghad hatfu mill-flok. Dan xehduh ukoll CO 158 Victor Galea u CO 170 Stephen Camilleri. ASCO Carmel Cachia jikkonferma li l-imputat qabadlu l-*hose pope* u hatfu mill-flokk, liema flok spicca tqatta, u li fil-hin li l-kollegi tieghu zammew lill-imputat, hu (Cachia) kompla jitfi. CO 25 Raymond Cutajar xehed kif l-imputat hataf vjolentement lil Maggur Charlie minn sidru u hataf ukoll lil CO 139

Kevin John Cauchi minn idu. Da parte tieghu, anke SCO Dennis Cassar, li m'huwiex imsemmi fiz-zewg imputazzjonijiet in kwistjoni, jghid li l-imputat beda jirrezisti l-arrest u kellu jigi mmannettjat. *Di fatti*, jirrizulta li tant li l-imputat ma ried icedi b'xejn u beda jaghti lill-ufficjali tal-habs, li mhux talli kellu jigi mmannettjat talli kellhom igongu zewg manetti biex jitlibsulu. Jinghad li l-imputat beda jaghti kull naha fuq l-ufficjali tal-habs u li huwa baqa' jissielet meta gie mittiehed.

Illi minn naha tieghu l-imputat filwaqt li jghid li jista' jkun li qabad lil Maggur mill-flokk u jikkonferma li gie mmannettjat jghid li mhux minnu dak li qalu l-ufficjali meta xehdu li ma felhux ghalih peress li huwa kellu zewg operazjonijiet u kellu l-punti fl-imsaren.

Illi, tenut kont tal-elementi li jikkosistwixxu r-reati taht Artikoli 95(1) u 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti ma jibqghalha l-ebda dubju li r-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

**<u>Is-Sitt (6) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 221 u 222(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi l-Qorti semghet kif CO 139 Kevin Cauchi jallega li l-imputat gidmu b'konsegwenza ta' liema l-imputat kkagunalu feriti ta' natura hafifa. L-atti processwali jikkontjenu certifikat mediku (Dok. "SZ 4" – *a fol.* 32) rilaxxat minn Dr. Justyne Bugeja, liema certifikat mediku huwa datat 7 ta' Marzu 2012 u li gie konfermat bil-gurament minn Dr. Bugeja meta giet mressqa bhala xhud. Minn dan ic-certifikat jirrizulta li gew kagunati fuq CO 139 Kevin Joseph Cauchi griehi ta' natura hafifa. Minkejja li l-imputat jichad li huwa qatt gidem lil CO 139 u li qatt setgha jigdmu, ghax jghid li ghandu d-dentatura, pero xorta jirrizulta pruvat li kien l-imputat li kkawza griehi ta' natura hafifa lil CO 139 Cauchi. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi misjub hati tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>Is-Seba' (7) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi l-imputat qed jigi akkuzat li m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-ufficjali tal-habs msemmija f'din l-imputazzjoni. Mid-depozizzjonijiet moghtija mid-diversi ufficjali tal-habs jirrizulta li din l-imputazzjoni tirrizulta pruvata.

**<u>It-Tmien (8) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi, fir-rigward tat-tmien (8) imputazzjoni, il-Qorti tinnota li din temergi minn Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju (*a fol.* 254), l-Avukat Generali jaghmel riferenza ghal Artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li ma jezistix. Il-Qorti tinnota li Artikolu 339 jinqasam f'sub-artikoli u ma hemmx dubbju illi l-Artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kwotat mill-Avukat General ma jsibx applikazzjoni ghal kaz in dizamina. Jidher li l-Avukat Generali ried jindika Artikolu 339(1)(d) u mhux Artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi din il-Qorti, madanakollu, hija marbuta bid-disposizzjonijiet tal-ligi ndikati fin-nota ta' rinviju u ma tistax issib htija taht xi disposizzjoni tal-ligi li ma tigix hemmhekk indikata. Dan gie ritenut, fost l-ohrajn, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Grima**, deciza fit-2 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Id-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Geoffrey Montebello et** moghtija fid-19 ta' April 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali rriteniet ukoll li l-Qorti kienet prekluza milli ssib htija taht Artikolu partikolari tal-ligi ghaliex dan l-Artikolu ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju. *Oltre* dan, fil-kaz odjern, il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tikkunsidra n-nuqqas tal-Avukat Generali milli jindika l-artikolu t-tajjeb taht Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta bhala *lapsus calami* u kwindi l-Qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat *stante* li din ma tirrizultax mill-ebda Artikolu kwotat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju tal-gudizzju.

**<u>Id-Disa' (9) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi l-imputat qed jigi akkuzat li ghamel hsara volontarja fl-uniformi, liema hsara ma teccediex €23.29. Il-Qorti semghet kif l-imputat hataf lil ASCO Carmel Cachia mill-flokk *ossia pullover*, liema flokk spicca mqatta'. Dan il-flokk gie ezebit fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2012 u gie mmarkat bhala Dok. "CC 1". Il-Qorti tinnota li l-atti processwali jikkontjenu tlitt stimi tal-flokk: wahda datata 8 ta' Marzu 2012 (Dok. "SZ 3" – *a fol.* 31), ohra datata 28 ta' Gunju

2012 (Dok. "MZ 1" – *a fol.* 133) u ohra datata 8 ta' Novembru 2012 (Dok. "MAM 2" – *a fol.* 184). Mentri l-ewwel stima hija dik ta' €22.00, it-tieni stima hija dik ta' €34.00 (li tinkludi l-*badges*), u t-tielet stima hija dik ta' €35.00. Il-Qorti tinnota li d-disa' imputazzjoni tghid li l-hsara ma teccediex €23.29. Ghaldaqstant, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ewwel stima (cioé Dok. "SZ 3" – *a fol.* 31) li giet konfermata minn SCO (CO 58) Martin Cini (*a fol.* 221 *et seq.*) li kkonfermaha peress li kien prezenti meta nxtara l-flokk in kwistjoni. Ghaldaqstant, m'hemmx dubju li din l-imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata wkoll.

**L-Ghaxar (10) Imputazzjoni**
**(Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**:
Illi l-Qorti giet mitluba sabiex titratta mal-imputat bhala recidiv. L-Avukat Generali huwa tal-fehma li l-imputat ghandu jitqies bhala recidiv taht Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Prosekuzzjoni ezebiet vera kopji ta' tlitt sentenzi moghtija fil-konfront ta' Omar Faiz Elsallak. Dawn is-sentenzi gew immarkati minn Dok. "JV 1" sa Dok. "JV 3" (*a fol.* 78 *et seq.*, *a fol.* 84 *et seq.*, u *a fol.* 87 *et seq.*). Il-Qorti tinnota li dawn is-sentenzi jikkontjenu l-konnotati tal-persuna fil-konfront ta' min gew moghtija, liema konnotati huma identici ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna, u ghaldaqstant il-Qorti m'ghandhiex dubju li dawn gew moghtija kontra l-imputat fil-kawza odjern. M'hemmx dubju ghalhekk li anke din l-imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi meqjus bhala li huwa recidiv.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjonijiet kollha, ghajr ghat-tmien (8) imputazzjoni, gew sodisfacentement pruvati.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali tal-imputat[4] (li hija wahda kulurita), in-natura tar-reati addebitati lill-imputat u li gew pruvati, il-fatt li

[4] Dok. "B" (*a fol.* 7 *et seq.*).

dawn ir-reati gew kommessi waqt li l-imputat kien qieghed il-habs u kif ukoll il-fatt li l-imputat ser jitqies bhala recidiv. M'hemmx dubju li l-Qorti ghandha timponi terminu ta' prigunerija effettiv fil-konfront tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tas-17 ta' Dicembru 2013 b'mod partikolari Artikoli 18, 41(a), 49, 50, 95, 96(a), 221, 222(1)(c), 317(b), 325(1)(b), 325(1)(d) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat Faiz Omar Elsallak hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7), tad-disa' (9) u tal-ghaxar (10) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' hames (5) snin prigunerija.

Il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni espressa lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha necessarja li huwa ghandu bzonn rigward sahhtu.

*Ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri, u cioé is-somma globali ta' hames mija u tnejn u erbghin Euro u tmienja u sebghin centezmu (€ 542.78) fi zmien tlett xhur millum[5].

*In oltre*, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elf Euro (€1000.00) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' CO 139 Kevin Cauchi, ASCO Carmel Cachia, CO 25 Raymond Cutajar, CO 158 Victor Galea u CO 170 Stephen Camilleri.

---

[5] L-ispejjez rigward ir-relazzjonijiet huma segwenti: Joseph Mario Azzopardi (€ 244 - *a fol.* 32 *tergo*), PS 239 Joseph Caruana (€ 66.49 – *a fol.* 64) , Dr. Mario Scerri (€ 232.29 – *a fol.* 163). L-imputat mhux ser jigi kkundannat ihallas l-ispejjez relatati mar-relazzjoni redatta mill-iSpizjar Godwin Sammut (€ 154.05 – *a fol.* 74 *tergo*) u dana *stante* l-konkluzjonijiet raggunti fir-relazzjoni tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------